# Il-Ħadd 17.06.2018

1. Illum 17/06, ***Jum il-Missier***:
   - Fis-6:00pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju *(u mhux fil-knisja parrokkjali)*.
2. It-Tlieta 19/06:
   - Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali.
3. L-Erbgħa 20/06:
   - Il-Kan. Louis Farrugia li jgħin fil-parroċċa tagħna, ser jiċċelebra l-15-il sena minn mindu sar saċerdot (20/06/2003). Nifirħulu u nawgurawlu u nwiegħduh it-talb tagħna.
4. Il-Ħadd 24/06:
   - Il-ġbir li jsir fil-quddies ta' dan il-jum ser jkun "l-Offerta ta' San Pietru", jiġifieri Offerta b'risq l-għotjiet ta' karità li jagħmel il-Papa ma' ħutna l-aktar fil-bżonn, speċjalment ma' dawk milqutin minn xi emerġenza, diżastru naturali jew gwerra.
5. Mit-Tnejn 25/06 sal-Ġimgħa 29/06:
   - Fis-7:15pm - Ġimgħa ta' Tagħlim mill-membri tal-MUSEUM quddiem il-kappella ta' Santa Marija, bit-tema: ***FITTXU L-EWWEL IS-SEWWA - Mt 6:33***.
6. **Mill-Ħadd 1/07, ser ikollna tibdil fil-ħinijiet tal-quddies tal-Ħadd:**
   - **Fis-6:45am;**
   - **Fid-9:00am;**
   - ***Fl-10:30am – (Issir biss f'każ taċ-Ċelebrazzjoni tas-Sagrament tal-Magħmudija jew raġunijiet speċjali oħra u tkun avżata minn qabel)***;
   - **Fis-6:00pm.**
     **Dan ser japplika żgur sal-aħħar ta' Settembru minħabba li l-għajnuna tal-qassisin il-Ħadd ser tkun limitata ħafna. Ħudu nota u xerrdu l-kelma.**
7. Avviżi oħra:
   - Jekk hawn min hu interessat jixtri xi ritratti (15x10cm) relatati mal-Viżta Pastorali li saret mill-Arċisqof fil-parroċċa tagħna, mitlub jiġi l-Uffiċċju Parrokkjali fil-ħinijiet tas-soltu sal-Erbgħa 4/07/18 biex jimla formola bl-ordni tiegħu. Aktar dettalji mingħand il-Kappillan.
   - Kif tistgħu tindunaw, matul dawn il-jiem ta' Ġunju, inbidlet is-sistema tas-*sound* tal-knisja parrokkjali tagħna għal waħda aktar moderna u dan grazzi għad-ditta *Genaudio Ltd* tal-Imrieħel: Sar *wiring* ġdid tul il-knisja kollha, saru aktar points fejn jitqabbad microphone jew ħruġ mill-amplifier, fosthom għall-użu ta' *computer*, u għal użu tal-audio tal-*videos* tat-tiġijiet u okkażjonijiet simili, ġew installati *speakers* inkluż wieħed *weatherproof* barra mill-knisja, u nxtraw *microphones* ġodda, fosthom aktar *cordless*. Saret *Hearing Loop-System* li tkopri l-knisja kollha u għalhekk min għandu *hearing aid* jista' jiswitchjaha għal *T-Coil* biex ikun jista' jisma' aħjar. Għad jonqosna ninstallaw xi *speakers* għal presbiterju, fil-kor u fuq l-orgni, u sistema li tipprovdi komunikazzjoni aħjar kemm mil-lat viżiv (i.e. *cameras* u *screens*) u kemm mil-lat ta' smiegħ, bejn min ikun fil-kor u min ikun fuq l-orgni b'aċċess għal dak li jkun qed jiġri fuq l-altar. Sal-bidu t'Awwissu nittamaw li nkunu lestejna u rfinajna kollox. Kif qed tirrealizzaw, dan huwa wieħed mill-akbar proġetti li ser inkunu għamilna din is-sena, anke għax l-ispiża tidher li ser tlaħħaq **€ 12,000**. Kif, avżajna, parti sostanzjali mid-donazzjonijiet tat-tberik ta' din is-sena, flimkien ma' fund raising u ġbir li jsir kull l-Ewwel Ħadd tax-xahar, qed niddedikawhom għal dan il-proġett essenzjali. Għad jonqosna nħallsu € 7,000. Waqt li napprezzaw dak li ġbarna u ħallasna s'issa (€ 5,000), nappellaw u nistiednu lil kull parruċċan biex jagħti donazzjonijiet ħalli nifdu dan il-proġett fl-iqsar żmien possibbli. Napprezza l-fiduċja u l-ġenerożità tagħkom, u nirringrazzjakom bil-quddiem.
8. Matul din il-ġimgħa daħlu:

- € 375 bħala ġabra speċjali b'risq il-Festa ta' San Pawl;
- € 15 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
- € 23 minn ħarġa li kellna. Grazzi mill-qalb.